Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,339, 5 ta' November, 2024
Taqsima B

A.L. 289 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Music - M.Mus. - taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Iskola tal-Arti Performattiva bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7(b)(v) tal-Istatut tal-Iskola, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Music - M.Mus. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Music - M.Mus. - taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva, ippubblikati bħala Avviż Legali 41 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2024 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 12 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 12 tal-ordinament prinċipali għandu jidħol dan:

"12. Għall-Grad permezz tal-kompożizzjoni, l-istudent ikun meħtieġ jissottometti kopji tal-portafoll tax-xogħlijiet oriġinali fuq karti tal-mużika regolari A3 bix-xogħlijiet kollha ppreżentati flimkien b'legatura mhux marbuta. Id-dissertazzjoni għandha tkun ippreżentata fil-format standard ta' dokument u għandha tkun ta' tul ta' mhux anqas minn 10,000 kelma, li jeskludu n-noti, il-biblijografija, u l-appendiċijiet. Fil-komputazzjoni tal-marka miksuba fil-valutazzjoni tax-xogħol tal-istudent, id-dissertazzjoni għandu jkollha piż ta' 25%, fil-waqt li l-portafoll tax-xogħlijiet għandu jkollu piż ta' 75%."

L-Emenda għall-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 13 tal-ordinament prinċipali għandu jidħol dan:

"13. Għall-Grad permezz tal-eżekuzzjoni mużikali, l-istudent ikun meħtieġ jissottometti n-noti tal-programm u dissertazzjoni li għandha tkun ippreżentata fil-format standard ta' dokument u għandha tkun ta' tul ta' mhux anqas minn 10,000 kelma, li jeskludu n-noti, il-biblijografija, u l-appendiċijiet. Fil-komputazzjoni tal-marka miksuba fil-valutazzjoni tax-xogħol tal-istudent, id-dissertazzjoni għandu jkollha piż ta' 25%, fil-waqt li l-portfolio tax-xogħlijiet għandu jkollu piż ta' 75%."

L-Emenda għall-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 14 tal-ordinament prinċipali għandu jidħol dan:

"14. Għall-Grad tar-riċerka fil-mużikoloġija/etnomużikoloġija, l-istudent ikun meħtieġ jissottometti dissertazzjoni li għandha tkun ippreżentata fil-format standard ta' dokument u għandha tkun ta' tul ta' mhux anqas minn 30,000 kelma u mhux aktar minn 40,000 kelma, li jeskludu n-noti, il-biblijografija, u l-appendiċijiet."

Iż-Żieda tal-ordinament 18 mal-ordinamenti prinċipali

6. L-ordinament 18 li ġej għandu jidħol wara l-ordinament 17 tal-ordinament prinċipali:

"**Is-Supervizzjoni tad-Dissertazzjonijiet**

18. (1) Fil-każijiet kollha, l-istudenti huma meħtieġa jkollhom kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibagħtu lill-Bord rapporti dwar il-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi full-time tu kemm jekk part-time.

(3) Ir-rapporti meħtieġa skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm il-proġett; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, diment li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta ċans lill-istudent li jinstema'."

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 18 sa 20 tal-ordinamenti prinċipali

7. L-ordinamenti 18 sa 20 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 19 sa 21.